MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 2435/1998/1

**Citazzjoni numru 2435/98 GC**

**Renald Micallef**

**vs**

**Paul Caruana**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta’ elf erba’ mija sitta u sittin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1466.25) rappresentanti drittijiet professjonali u spejjes ancillari lilu dovuti in konnessjoni ma’ servizz professjonali resi lill-konvenut, mill-attur, fuq ordni tieghu, skond statement li kopja tieghu qed tigi hawn annessa bhala dokument “A”;

Illi mitlub biex ihallas diversi drabi il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Illi l-kreditu tal-attur fis-somma ta’ Lm1466.25,0 hu cert u esigibbli u sa fejn jaf l-attur, il-konvenut ma ghandu l-ebda difisa valida opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba tieghu ghal hlas ta’ dik is-soma kif jidher mill-affidavit tieghu hawn anness Dok. X;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi :-

1) ma ghandix dina l-Qorti taghti s-sentenza u tilqa’ t-talba tal-attur bla ma taghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2) tikkundanna minnufih lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm1466.25 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq; Bl-imghax legali mill-10 ta’Novembru 1998, data tal-ittra ufficjali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-istess ittra ufficjali tal-10 ta’ Novembru 1998 kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tall-attur Ronald Micallef debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ eccezzzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit -

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bil-ispejjez kontra l-attur, peress illi l-ammont rikjest mhux dovut, stante illi s-servizz professjonali illi suppost kellu jigi kopert mill-istess, ammont ma giex kompletament ipprestat mill-istess attur, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mill-attur huwa indubbjament esagerat u dan ghaliex kjarament jeccedi r-rata miftiehma bejn il-partijiet;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat l-affidavit rispettiv tal-partijiet u tax-xhud prodott mill-attur u semghet il-konvenut in kontro-ezami;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Frar 2003;

Ikkonsidrat:

L-attur, li hu accountant u awditur, qed jippretendi li huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' elf erba' mija sitta u sittin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1466.25) appuntu rappresentanti drittijiet professjonali u spejjes ancillari, dovuti in konnessjoni ma' servizzi professjonali resi lill-konvenut fuq inkariku tal-istess konvenut;

Il-konvenut jeccepixxi li l-ammont rikjest mhux dovut peress li l-attur ma pprestax is-servizzi professjonali kollha kif suppost u inoltre l-ammont pretiz mill-attur huwa indubbjament esagerat u jeccedi r-rata miftiehma bejn il-partijiet;

Il-konvenut fl-affidavit tieghu, kif ukoll meta xehed "viva voce" f'dawn il-proceduri, qal li l-inkariku lill-attur gie mghoti minnu mhux f'ismu propju izda ghan-nom ta' xi socjeta estera. Il-konvenut, pero', ma ssottomettix formalment eccezzjoni f'dan ir-rigward. Ghalhekk il-Qorti mhux ser tikkonsidra ulterjorment dawn is-sottomissjonijiet rigwardanti minn inkarika lill-attur;

In sostenn tal-imsemmija eccezzjonijiet tieghu l-konvenut qal li hu minnu li huwa nkarika l-attur biex jiehu hsieb l-"accounting procedures" kollha konnessi man-negozju tieghu u dawn kienu jinkludu l-mili ta' formoli ghar-rigward ta' xi dipartimenti tal-Gvern. Il-konvenut isostni li huwa ftiehem mal-attur li ghal dawn is-servizz huwa kellu jhallas bir-rata ta' tnax il-lira maltin (Lm12) fix-xahar. Huwa semma li inkluz fil-ftehim kien hemm li l-attur kellu jibghat lill xi impjegat tieghu fl-ufficju tal-konvenut sabiex jigu resi s-servizzi miftiehma, izda fil-fatt, ghal certu periodu, ma kien jmur hadd mill-ufficju tal-attur. Minhabba f'hekk kien hemm xi kontijiet annwali li saru biss wara insistenza tal-konvenut. Huwa qal li l-attur kien baghat kont ta' circa elf u erba' mitt lira maltin (Lm1400), li minnhom il-konvenut hallas biss hames mitt Lira Maltin (Lm500) u rrifjuta li jhallas il-bilanc peress li, skond hu, dan il-kont kien eccessiv u aktar minn hekk minhabba li l-attur kien naqas mill-obbligazzjonijiet minnu assunti. Huwa semma li minhabba n-nuqqassijiet tal-attur inholqulu diversi problemi ma xi dipartimenti tal-Gvern, senjatament mad-Dipartiment tal-Taxxa tal-Valur Mizjud (VAT) u ma l-Employment Training Corporation. Il-konvenut ikkonferma li l-attur kien ippropona hlas ta' Lm75 fix-xahar, pero' din il-proposta ma gitx accettata mill-konvenut. Huwa kkonferma li kien hallas lill-attur is-somma ta' Lm431.25 pero' dan kien jirreferi ghal tlett snin ta' accounts u l-imsemmi ammont kien kalkolat fuq ir-rata miftiehma ta' Lm12 fix-xahar. Il-konvenut ma ftakarx li lill-attur kien hallsu ukoll ammont iehor ta' Lm1035. Huwa kkonferma li l-atur kien baghat skrivana li kienet taddendi fl-ufficju tieghu, pero' dan kien ghal periodu qasir;

Il-versjoni li joffri l-attur hi differenti. Tenut kont tar-rizultanzi u tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-verzjoni tal-attur hi aktar verosimili u hi aktar kredibbli;

Difatti l-attur jikkonferma li ftiehem mal-konvenut li kellu jiktiblu il-kotba tan-negozju, jippreparalu l-Financial Statements, kif ukoll jibghatlu l-formuli tat-taxxa fuq id-dhul, u tal-VAT. Huwa jghid li l-ftehim kien li l-konvenut kellu jhallas ghal dawn is-servizzi is-somma ta' Lm75 fix-xahar. Hu indubbju li dan l-ammont hu aktar verosimili mill-ammont li semma l-konvenut. Barra minn hekk jirrizulta li l-attur kien qed ihallas ferm aktar minn Lm12 fix-xahar lill-persuna (kwalifikata bhala awditur u accountantant) li kien qed jibghat fl-ufficju tal-konvenut sabiex joqod ghall-obbligi minnu assunti;

L-attur qal li s-somma ta' Lm431.15, imsemmija ukoll mill-konvenut, kienet tirrappresenta d-drittijiet dovuti ghax-xoghol konness ma sena partikolari, bbazata, din is-somma fuq l-imsemmija rata ta' Lm75 fix-xahar. L-attur inoltre kkonferma li l-kont ghal sena ohra partikolari, dejjem a bazi tal-imsemmija rata, tela ghal Lm1035 liema kont thallas regolarment mill-konvenut. L-ammont in kwestjoni f'dawn il-proceduri jirreferu ghal prestatazzjionijiet professjonali ghal periodu mill-1 ta' Jannar 1996 sa Mejju ta' 1997 u mill-liema ammont il-konvenut ma hallax xejn. L-attur ikkonferma li qabel ma saru dawn il-proceduri l-konvenut qatt ma lmenta dwar li dan il-kont kien esegerat jew li l-attur naqas mid-doveri tieghu;

L-attur jghid li hu minnu li hu u l-konvenut kienu ftehemu dwar rata ta' Lm12 fix-xahar, pero' dan kien biss sabiex l-attur jipprepara regolarment ir-returns tat-taxxa u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' nazzjonali ghar-rigward ta' impjegata partikolari tal-konvenut. L-attur pero' qal li huwa qatt ma baghad kont f'dan ir-rigward peress li fic-cirkostanzi prevalenti huwa ddecieda li ma jkomplix jimla dawn il-formuli;

In effett jirrizulta li generalment l-attur kien diligenti fix-xoghol tieghu u ta lill-konvenut l-ahjar servizz possibli. Jirrizulta li l-attur ta' s-servizzzi kollha kif miftiehem u kif rikjest minnu. Inoltre l-ammont mitlub ma jirrizultax li hu esagerat izda jidher li hu bbazat fuq il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet;

In vista tal-premess it-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti. Ghallhekk ukoll l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghandhom jigu michuda;
.
Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf erba' mija sitta u sittin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1466.25) rappresentanti drittijiet professjonali u spejjes ancillari dovuti in konnessjoni ma' servizz professjonali resi lill-konvenut fuq ordni tal-istess konvenut u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mill-10 ta'Novembru 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------